A.L. 405 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 94 ta' l-1997.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar 2004.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Id-dispożizzjoni tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subregolament (1) ta' dak ir-regolament u minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-Kummissarju jew il-Kunsill jista' jneħħi kull vettura li ma tkunx tħallsitilha l-liċenza tat-triq għal xi sena kurrenti kulmeta t-tiġdid ta' dik il-liċenzja jkun skada b'aktar minn tliet xhur:

Iżda dik il-vettura ma għandhiex tingħata lura lil sidha kemm-il darba u sakemm il-liċenza tat-triq ta' dik il-vettura ma tkunx ġiet imħallsa flimkien mad-dritt li jitħallas lill-Kummissarju jew lill-Kunsill kif stipulat fis-subregolamenti 9(b) u (ċ) ta' dawn ir-Regolamenti:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għal oġġetti ta' ingombru għandhom ikunu wkoll japplikaw għal vetturi bħal dawk li dwarhom qiegħda ssir riferenza f'dan is-subregolament.".

Jemenda r-regolament 8A tar-regolamenti prinċipali.

3. Flok il-proviso fis-subregolament (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissarju jew tal-Kunsill li jagħmel mill-vettura abbandunata kif hawn qabel imsemmi, il-Kummissarju jew il-Kunsill ikollu d-dritt li jimponi ħlas ta' mhux iżjed minn Lm500.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Immedjatament wara l-paragrafu (ċ) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) għat-tneħħija ta' vetturi abbandunati.....Lm500".